**Kunsill Lokali**
**ĦAL KIRKOP**

# Rapport Amministrattiv 2016

*imħejji minn Antonia Demicoli,* ***Segretarju Eżekuttiv***

# Introduzzjoni

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalita’ għas-sena 2017 u li parti minnha tinkludi rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2016 filwaqt li toffri informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill ta’ Ħal Kirkop għax-xhur li ġejjin.

Filwaqt li matul din is-sena wieħed ftit seta’ jara proġetti kapitali jseħħu, dan ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed jaħdem bi sħiħ u jħejji pjanijiet għall-futur. Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu.

Matul l-2016 saru diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom ser jibda jidher matul is-snin li ġejjin.  L-akbar sfida li għandu l-Kunsill fis-snin li ġejjin hija bla dubju ta’ xejn li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda.

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2016 u l-31 ta’ Diċembru 2016 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Is-sena 2016, immarkat it-tkomplija ta’ l-ewwel sena tat-tmien leġislatura li l-bidu tagħha kien proprju fl-1 ta’ Mejju, 2015.  Fil-bidu tas-sena 2016 il-Kunsilliera Antoinette Cefai irriżenjat mill-Kunsill u minflokha ġie elett is-Sur Leonard Grioli, fi Frar 2016. Għaldaqstant il-Kunsill ta’ Ħal Kirkop matul din is-sena kien kompost kif jidher fit-tabelli hawn taħt.

# It-Tmien Leġislatura
## Sena 2016

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Terence Agius |
| **Viċi Sindku:** | Joseph Schembri |
| **Kunsilliera:** | Stephen Mizzi |
| | John Luke Cassar |
| | Leonard Grioli |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Antonia Demicoli |

*F'din il-leġislatura Antoinette Cefai serviet sa nofs Jannar 2016. Fi Frar 2016 beda jservi fil-kariga Leonard Grioli.*

Matul is-sena 2016, l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, is-Sur Miguel Sacco kompla jservi fil-kariga wara li dan kien ġie approvat Ambaxxatur Lokali f'Diċembru, 2015. Huwa jista' jibqa' fil-kariga sakemm jagħlaq it-tmintax-il sena.

Bejn Jannar u Diċembru 2016, il-Kunsill – It-Tmien Leġislatura, iltaqa' tmintax-il darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet tajba u regolari. L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2016 tidher fit-tabella hawn taħt.

# Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill
## Laqgħat tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura
## Jannar – Diċembru 2016

| Laqgħat Nru 12 - 29 | Terence Agius | Joseph Schembri | Stephen Mizzi | John Luke Cassar | Leonard Grioli |
|---|---|---|---|---|---|
| **Attendenza** | **18/18** | **17/18<br>1 skużat** | **17/18<br>1 skużat** | **18/18** | **13/16<br>3 skużat** |

Tul is-sena 2016, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Fl-aħħar ta' Lulju, 2016 il-Kunsill kellu riżenja minn waħda mill-impjegati klerikali. Il-post vakanti imtela' minn skrivana oħra wara li nħarġet sejħa għall-ingaġġ. L-impjegata l-ġdida bdiet il-ħidma tagħha fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop fl-1 ta' Awwissu, 2016.

Il-Kunsill kellu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita'. Il-Kunsill għandu wkoll l-għajnuna ta' persuna li kienet qiegħda fuq l-iskema Xogħol fil-Kommunita' mnhedija mill-ETC. Fl-1 ta' Marzu, 2016 il-kumpanija District Operations Ltd. ħadet f'idejha l-imjegati li kienu fuq din l-iskema u dawn ingħataw xogħol *full time* fil-Kunsilli rispettivi li fihom kienu jagħmlu xogħol fil-kommunita'. Għaldaqstant issa dan l-impjegat għandu ħin iżjed fl-uffiċċju u dan jgħin fix-xogħol amministrattiv bħala *receptionist*.

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2016 kienet ta' €196,848. Kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €73,376, li jġib id-dħul għas-sena 2016 b'total ta' €270,224. In-nefqa għas-sena 2016 kienet tammonta għal €216,532. Dan iħalli lill-Kunsill bi qliegħ stmat għas-sena ta' €53,692. Dawn il-figuri huma biss estimi peress li l-kotba tal-Kunsill għadhom ma ġewx awditjati. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed ikun jista' jara l-*Audited Financial Statements* li jkunu jidhru wkoll fuq is-sit www.lc.gov.mt, wara li dawn ikunu ġew awditjati.

## Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2016

Tajjeb li wieħed ifakkar li matul l-2016 kompla jingħata s-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' erbgħa, kull ħmistax. Ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew biex japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju tas-sigurta' soċjali fejn ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ġuramentata; jirraportaw kwalunkwe tibdil ta' ċirkostanzi; japplikaw għal jew iġeddu l-karta r-roża; jissottomettu ċertifikati tal-mard; u jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni dwar kwalunkwe ħaġa ta' sigurta' soċjali.

Il-kumpanija Maltapost ukoll għada tagħti s-servizzi tagħha fil-lokalita' tagħna permezz tal-*mobile postoffice.* Dan is-servizz għadu qed jingħata kull nhar ta' Erbgħa bejn it-8.00 u l-10.00 ta' filgħodu. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti Koppin tant li ħafna minnhom ikunu qed jistennew il-ġurnata tal-Erbgħa biex jinqdew mingħand tal-posta.

Ir-Reġjun Nofsinhar, li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħmel parti minnu, matul is-sena 2016 kompla jaħdem fuq id-diversi inizjattivi meħuda tul is-snin, biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

Ix-xogħol dwar l-inizjattiva dwar aċċessibilita' tlesta billi saru rampi fil-bankini fi Triq il-Lewżiet u Triq Taż-Żebbiegħ, biex hekk iz-*zebra crossings* f'dawn it-toroq ġew aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Ir-Reġjun Nofsinhar għen ukoll lill-Kunsill billi ta fondi biex jintużaw fiż-żamma ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku.

Apparti l-manutenzjoni, l-Kunsill kien ilu ħafna għaddej b'ħidma ma' Transport Malta dwar *traffic management* fl-area magħrufa Kirkop II. Dan ix-xogħol ġie approvat u sar ix-xogħol kollu marbut ma' żebgħa u tabelli matul is-sena 2016. Il-Kunsill żied ukoll tabelli li juru fejn hemm il-parkeġġ biex il-karrozzi jiġu ggwidati tajjeb għal ġol-parkeġġ u hekk jiġi evitat l-iskomdu lir-residenti tal-akwata.

Fit-2 ta' April, 2016, ir-Reġjun Nofsinhar reġa' organizza Festa Nar li għaliha kienu mistiedna jipparteċipaw il-kmamar tan-nar tal-għaqdiet mużikali tal-irħula kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Mil-lokalita' ta' Ħal Kirkop ħadet sehem il-kamra tan-nar tas-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp. Dan il-festival tan-nar reġa' kien suċċess kbir.

Matul is-sena 2016 il-Kunsill għamel żewġ *zebra crossings* ġodda fi Triq il-Lewżiet, liema *zebra crossings* għandhom id-dawl tagħhom jixgħel permezz ta' panelli solari. Dan ikompli jgħin biex il-Kunsill ta' Ħal Kirkop jaħdem b'enerġija alternattiva.

Għas-seba' sena konsekuttiva, nhar it-22 ta' Mejju, il-Kunsill organizza l-Irkottafest li għal sena oħra kienet suċċess kbir. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd.

Element ġdid waqt l-Irkottafest tas-sena 2016 kienet il-wirja ta' arti u fotografija mtella' fis-sala tal-Kunsill Lokali bl-għajuna tal-artist bravu Clint Grech, kif ukoll tal-fotografi Gabriel Cassar u Pierre Balzia. Din il-wirja żaruha 'l fuq minn 200 ruħ, liema numru jagħti kuraġġ kbir lill-Kunsill biex għas-sena 2017 ikabbar fuq dak li sar fl-2016.

Fil-bidu tas-sena 2016 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk, l-Imġarr, u s-Swieqi ingħaqdu mal-WasteServ biex ġiet varata t-tieni fażi tal-Proġett Pilota dwar ġbir ta' skart organiku.

Il-ġbir ta' skart organiku qed isir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jidher li ħafna mir-residenti qed jagħżlu l-iskart organiku tajjeb ħafna. Jidher li l-maġġoranza tar-residenti qed jimxu tajjeb mal-iskeda ta' ġbir ta' skart. Il-boroż il-bojod għal ġbir ta' skart organiku, pprovduti mill-WasteServ, qed jitqassmu kull xahrejn mill-Kunsill Lokali.

Apparti l-iskart organiku, darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, jinġabar l-iskart riċikalt, jew kif inhu aktar magħruf 'tal-borża l-ħadra'. Il-boroż il-ħodor, pprovduti minn GreenPak qed jitqassmu darbtejn fis-sena, jiġifieri f'Jannar u f'Lulju.

Il-Kunsill ġabar ukoll ħwejjeġ użati li ngħataw għall-Inspire. Minħabba li l-Inspire infurmawna li ma riedux aktar ħwejjeġ użati peress li kellhom ammonti kbar li kienu għad iridu jiġu magħżula, il-ħwejjeġ xorta waħda baqgħu jinġabru u qed imorru għar-riċiklaġġ.

Apparti hekk il-Kunsill jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik, batteriji użati u bozoz maqtugħin, dejjem bil-ħsieb li nżommu l-ambjent ta' madwarna fl-aħjar mod possibbli filwaqt li tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn.

Waħda mill-akbar spejjeż li għandu l-Kunsill hija ż-żamma ta' l-indafa fil-lokalita'. Din tlaħħaq għal eluf ta' Ewro. Għalkemm il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex il-lokalità ta' Ħal Kirkop tkun fost l-aktar lokalitajiet nodfa fil-pajjiż, xorta waħda għad hemm nies irresponsabbli li jħammġu bla skruplu.

Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex dawk 'il ftit li għadhom iħammġu, jinqabdu, biex ikun żgurat li r-raħal tagħna jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa f'Malta. Apparti hekk, il-Kunsill reġa' investa f'aktar *bins* apposta għall-ħmieġ tal-klieb fejn inħass li kien hem tali nuqqas.

Ix-xogħol fuq ir-*roundabout* fi Triq San Benedittu k/m Triq l-Imdina issa tlesta minn kollox. Twaħħal ukoll dawl dekorattiv u tħawlu fjuri li ser ikunu qed jiffurmaw l-arma ta' Ħal Kirkop meta dawn jiftħu.

Il-Kunsill ħa ħsieb ġab il-permessi meħtieġa biex għamel *bollards* li fi żmien il-festi jagħlqu parti minn Triq San Benedittu u Triq il-Parroċċa. Dan biex jiġi evitat li ssir ħsara, minn vetturi kbar, lill-armar tal-festi.

Żgħażagħ minn Ħal Kirkop ħadu sehem fil-proġett Right To Smile u flimkien ma' artista kwalifikata, ippjanaw u pinġew mural fuq ħajt fil-ġenb tal-bandli fi Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop.

Il-Kunsill kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda għall-użu ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qari. Il-Kunsill jieħu din l-opportunita' biex pubblikament jirringrazzja lis-Sinjura Mary Rose Mizzi li temmet ix-xogħol tagħha bħala librara matul is-sena 2016, wara li ħadet ħsieb din il-librerija għal 22 sena. Żgur li n-nuqqas tagħha ser jinħass bil-kbir, minħabba l-interess li kienet tieħu f'din il-librerija u x-xogħol li kienet tagħmel b'tant għożża. Mrs. Mizzi, grazzi mill-qalb.

Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill ma naqasx li jieħu ħsieb l-element edukattiv billi kompla jorganizza korsijiet dwar dekorazzjoni ta' kejkijiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk li qed jattendu. Infatti l-Kunsill kompla jorganizza dawn il-korsijiet fuq bażi regolari.

Il-Kunsill bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali organizza wkoll b'suċċess il-kors 'Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar'. Dan kien jinkludi lezzjonijiet dwar l-istil tal-ħajja, dieta' bilanċjata, l-iġene personali, kif wieħed jieħu ħsieb id-dar, kif wieħed jagħmel budget, attivita' fiżika u ħafna affarijiet interessanti li jgħinu l-mod kif wieħed jista' jgħix aħjar.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Il-*bus shelters* fi Triq Ħal Safi ġew irranġati mill-ħaddiema tal-Kunsill biex wieħed ikun jista' jgħaddi minn fuq il-bankina mingħajr tfixkil. Il-bankina biswit ġiet irranġata wkoll biex il-persuni li jużaw siġġu tar-roti u oħrajn li jgħaddu bit-tfal fil-*pushchair* ma jkollhomx problema ta' mobbiltà.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl u f'każijiet minnhom permezz ta' l-Enemalta, matul is-sena jinbidlu u ssir il-manutenzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha.

F'Novembru, 2016, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ħarġet il-permess ta' l-*open gym* li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel fi Triq Taż-Żebbiegħ, bl-għajnuna finanzjarja ta' Multigas Ltd. Il-Kunsill beda għaddej bil-ħidma biex jiġi rranġat il-wiċċ tal-*area* fejn ser isir l-*open gym* biex dan il-proġett jitlesta matul is-sena 2017.

L-Iskola Sekondarja l-ġdida fetħet il-bibien tagħha f'Settembru 2016. Il-Kunsill għadu għaddej b'diskussjonijiet kontinwi biex it-*traffic management* ta' l-akwata madwar l-iskola jitlesta. Dan għall-fatt li sar ix-xogħol fuq is-*central strips*, iżda x-xogħol fuq il-marki u s-sinjali tat-traffiku, il-*pelican lights* u d-dwal ta' mas-*central strips* għadhom mhux lesti.

F'Novembru 2016 f'Ħal Kirkop sar ukoll il-ġbid ta' xi xeni mill-film 'Entebbe'. Il-produtturi ħadmu id f'id mal-Kunsill biex titnaqqas bl-aktar mod sostanzjali l-inkonvenjenza lir-residenti ta' Ħal Kirkop.

F'Diċembru 2016 il-President ta' Malta għoġobha tagħżel il-lokalita' ta' Ħal Kirkop biex mill-Kumpless Sportiv tiġi trasmessa L-Istrina, appuntament nazzjonali, l-għada tal-Milied, fejn jinġabru fondi b'risq il-*Community Chest Fund*.

Wara ħafna diskussjonijiet ma' Dipartimenti u Ministeri konċernati biex jinstab post alternattiv biex fuqu tinbena latrina pubblika, il-Kunsill wasal biex tefa' l-applikazzjoni biex tinbena latrina f'Misraħ iż-Żerniq. Din il-latrina ser tkun tagħmel parti mill-proġett tal-ġnien ta' Misraħ iż-Żerniq. Bħalissa l-Kunsill wasal fl-istadju li ppreżenta l-pjanti u applika għall-permess ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar.

B'dispjaċir kbir il-Kunsill irċieva risposti negattivi mill-banek lokali dwar il-possibilità li ssir ATM f'Ħal Kirkop. Għalkemm il-Kunsill offra post mingħajr ħlas biex fih tkun tista' ssir l-ATM, kemm il-bank HSBC plc u kif ukoll il-BOV plc, ma aċċettawx li jagħmlu ATM f'post aċċessibbli għal kulħadd f'Ħal Kirkop.

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Apparti l-laqgħa annwali l-Kunsill organizza wkoll laqgħa mar-residenti kollha ta' l-*area* magħrufa bħala Kirkop II biex magħhom iddiskuta l-pjan ta' *traffic management*. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel laqgħat bħal dawn meta jkun ser jimplimenta jew jagħmel pjanijiet fuq ristrutturar ta' partijiet mir-raħal.

Minħabba limitazzjonijiet finanzjarji, u kif ukoll nuqqas ta' riżorsi umani, il-Kunsill ma jippublikax *newsletter*. Biss il-Kunsill iqassam informazzjoni utli fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Apparti hekk, il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Kunsill Lokali Ħal Kirkop, fejn wieħed jista' jara *updates* regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 31, Triq San Benedittu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu.

## Attivitajiet matul is-sena

Il-Kunsill organizza ġita għal Sqallija f'Ġunju 2016.

F'Diċembru 2016 il-Kunsill reġa' organizza l-festin tal-Milied li bħal kull sena kien suċċess kbir u kull minn attenda kien sodisfatt ferm.

## Pjanijiet għall-futur

Il-Kunsill għadu qed jippressa wkoll mal-Ministeru tas-Saħħa, biex jibda kemm jista' jkun malajr ix-xogħol fuq il-klinika reġjonali li ser issir f'Ħal Kirkop. Mill-aħħar żviluppi li kien hemm jidher li nħarġu t-tenders u x-xogħol ser jibda dalwaqt. Hekk ir-residenti jkunu jistgħu jinqdew fil-lokalita' minflok imorru fil-poliklinika tal-Furjana.

Matul l-2017 il-Kunsill ser ikun qed jaħdem bi sħiħ biex jitlesta l-*open gym* u biex malli joħroġ il-permess għall-bini tal-latrina jibda jaħdem fuq it-*tenders* biex din il-latrina tinbena għall-ġid tar-residenti Koppin u ta' dawk li jżuru r-raħal ta' Ħal Kirkop.

Ma nistax nagħlaq u ma nsemmiex li fl-2016 Ġieħ Ħal Kirkop ingħata lis-Sur Leonard Agius li jaħdem bi sħiħ b'mod volontarju b'risq ir-residenti ta' Ħal Kirkop.

Minn hawn il-Kunsill jirringrazzja wkoll lis-Sinjura Mary Rose Mizzi li serviet bħala President tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop għal dawn l-aħħar 22 sena u jifraħ lis-Sur Joseph Busuttil li daħal fil-kariga mis-sena 2016. Minn hawnhekk nawguraw ħidma ta' suċċess lis-Sur Busuttil.

Grazzi lil kulħadd.

*Jannar, 2017*